# META MA ĠEWX L-ARJUPLANI

Ma' tul erba' xhur sħaħ l-arjuplani Ġermaniżi ma qatgħu, tista' tgħid, qatt iż-żjajjar tagħhom lil Malta. Lejl u nhar il-karba tas-sirena sejra dejjem tidwi fl-ajru tħabbar il-miġja tal-għadu. U wara l-karba, tvarvir ta' arjuplani, tisfir ta' balal nieżla, tifqigħ ta' bombi, tkarwit ta' kanuni, u qtajja' ta' arjuplani jogħdsu qishom isqra fuq tajra ċkejkna, u sħab ta' duħħan mifrux fuq l-art donnu biex jaħbi l-ħerba ta' taħtu, u, jekk ikun bil-lejl, swaba' twal mudwala jiġru mal-firxa kollha tas-sema biex ifittxu u jaqbdu l-għadu ħajjen. Għal erba' xhur sħaħ din kienet il-ħajja ta' Malta bi nhar u bil-lejl. Il-ħsara, il-qerda, il-mewt saru qishom il-ħajja ta' Malta, it-taqtiq ta' qalb sar in-nifs li nieħdu, l-għerien ġol-blat taħt l-art saru d-djar tagħna.

Fl-aħħar ġimgħa ta' Marzu u fl-ewwel waħda ta' April aktar ħraxet il-qilla tal-għadu. Ra li 'l Malta ma setax jirbaħha, għalhekk ħalef li jġarrafha, ifarrakha, jeqridha. U minn kollox għamel biex ma jiksirx ħalftu. L-arjuplani bdew ġejjin b'kotra bla għadd, fil-għodu, f'nofsinhar, fil-għaxija, f'kull ħin, bla serħ, bla nifs iġġarrfu knejjes u palazzi, mijiet ta' nies baqgħu bla dar, bliet saru ħerba. Imma Malta għadha mhix mejta; miġruħa imma mhix maqtula. Jiflaħ l-għadu joqtolha?

Sebaħ it-Tnejn, it-tlettax ta' April. Fit-tmienja s-sirena bdiet tnewwaħ. "Il-Bambin jibgħathielna tajba dal-għodu" qal xi ħadd. "Sa nibdew il-ġimgħa" tenna ieħor. "Ġejjin jitkixxfu biex jagħtuna xi waħda f'nofsinhar" żied igħid ieħor. Imma wara kwarta u nofs is-sirena għajtet għajta ferrieħa, u kullħadd ħa n-nifs. L-arjuplani ma kenux resqu lejn Malta.

F'xi l-għaxra u nofs is-sirena reġgħet bdiet tokrob. "Naraw xinhu ġej issa!" beda jgħid wieħed lill-ieħor. Imma f'ħajjet Alla ma ġie xejn, u wara nofs siegħa s-sirena qabdet tgħajjat u tidħak u tibgħatna lejn darna bis-sliem.

Ħajta tama nibtet f'qalb kull wieħed. L-arjuplani tal-għadu ma resqux lejn Malta. Għaliex? Beżgħu? Kienu mreġġgħin lura? Min igħaddi minn ġot-tifqigħ ta' mijiet ta' balal ma jerġax lura għax jibża'. Tgħid il-Ġermaniżi telqu

minn Sqallija, u dawn li ġew kienu Taljani? Min jaf kenux arjuplani sejrin Tripli u għalhekk inħassu minn Malta? Jew inkella, żied igħid wieħed li jidhirlu li jifhem, kienu arjuplani Ġermaniżi telqin minn Sqallija mhux lejn Malta imma x'imkien ieħor. Hu xinhu t-tama laħqet daħlet fil-qlub.

Imma ma dametx. Għax f'nofsinhar u nofs il-ħin tal-attakki qawwija, is-sirena reġgħet qabdet dik il-karba twila li, f'xi ħinijiet, tħossha tinfidlek qalbek. "Issa żgur ġejja xi waħda" beda jgħid wieħed lill-ieħor; "bħalissa dejjem jidħlu." U min jiġri lejn ix-xeltrijiet, u min igħarrex biex jara jilmaħx xi nikta sewda fl-ajru, min b'widnejn wieqfa jissamma' xi ħoss fil-bogħod. Taqtiq ta' qalb. Sikta. Waslu? U dik l-imbierka ta' sirena, qisha tifla mqarba, reġgħet bdiet tgħajjat u tidħak kemm tiflaħ u tgħidilna li l-għadu tbiegħed, jekk qatt kien qorob.

Fis-siegħa u nofs u fit-tlieta, is-sirena darbtejn karbet u darbtejn daħket, u l-ebda darba ma resqu l-arjuplani lejn Malta.

Dik il-ħajta tama li kienet daħlet f'qalb kullħadd issa bdiet titqawwa. Mela tassew il-Ġermaniżi telqu. Għax kieku riedu jidħlu, kienu jidħlu bħalma daħlu drabi oħra. L-attakki ilhom xi erbat ijiem jonqsu, tarraf wieħed, għax qabel kien ikollna erbgħa jew ħames attakki kbar kull jum, u dan l-aħħar ma kellniex ħlief tnejn kull jum, wieħed f'nofsinhar u l-ieħor fil-għaxija. Barra minn dan, qabeż igħid ieħor, Hitler ma jistax iżomm dawk il-mijiet ta' arjuplani Sqallija meta hu marsus sħiħ mir-Russi u qiegħed jibża' minn Franza.

Ma' nżul ix-xemx is-sirena newwħet mill-ġdid. Did-darba l-bombers Ġermaniżi ġew u tefgħu l-bombi, waqqgħu bini u għamlu ħsara oħra. Imma l-attakk ma kienx qawwi. U t-tama ma metitx.

P. P. S.

## KUMITAT TAL-"GĦAQDA TAL-MALTI (Dockyard)"

President—Is-Sur Marju Agius.
Segretarju—Is-Sur Karmenu Ellul Galea.
Kaxxier—Is-Sur Duminik De Giorgio.
Membri—Is-Sinjuri Ġeraldu Azzopardi, Mikiel Dalmas, Żarenu Carabott.